**Minuti**

**Seduta Nru. 8/2015**

**Data:** **It-Tnejn 19 ta' Jannar 2015**

**Ħin:** **6.00pm**

**Post:** **Kunsill Lokali L-Imsida**

---

**Preżenti:**
**Matthew Mangion – *Chairperson***
**Deborah Galea – *Viċi Chairperson***
**Emanuel Galea – *Membru***
**Owen Patrick Attard – *Membru***
**Jimmy Zahra - *Membru***
**Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv***

---

## AĠENDA

1. **Talba;**
2. **Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**
3. **Punti Mqajma mill-Minuti;**
4. **Korrispondenza;**
5. **Informazzjoni minn laqħat li saru;**
6. **Art tas-Sisla – Proġett tal-Awtorita' tad-Djar**
7. **Affarijiet oħra jekk urġenti*;***
8. **Għeluq u Aġġornament.**

## MINUTI:

### 1. Talba

**193** **Il-laqgħa bidet b'talba.**

### 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**194 Il-Minuti ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet.**

### 3. Punti Mqajma mill-Minuti;

**195 Materja 186: Intqal li intbgħat ir-rapport taċ-ċitazzjonijiet li nħarġu fin-naħa ta' L-Imsida u qalu li din isservi biex jiċċekjaw kemm ingħataw ċitazzjonijiet ħdejn is-St Martin's.**

**196 Sar qbil li l-Kunsill ta' B'Kara jintalbu jibgħatu Eco Wardens fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra (in-naħa tat-taraġ) u Triq Grosseto u li jiżdied skip fi Triq il-Ġdida fi Triq P Borg Olivier (fejn diġa hemm skip) minħabba li il-wieħed li hemm mhux biżżejjed għall-ammont ta' skart li jkun hemm.**

**197 Materja 187: Is-Segretarju qalet li qed tistenna risposta mis-Segretarju Eżekuttiv ta' Santa Venera dwar l-iżpejjes tas-CCTV camera.**

**198 Fir-rigward ta' l-attivita' ta' Ġieħ is-Swatar is-Segretarju għandha tikkonferma eżatt x'intafaq minn naħa tal-Kunsill ta' L-Imsida. Ha jsir meeting tal-membri tal-Kumitat li ser jieħdu sehem fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita' u anke jkun preżenti Fr Robert biex isir il-program.**

**199 Materja 188: Is-Sur Attard qal li Caroline cemplet biex tikkonferma li l-attivita' tal-blood donation ser issir fl-10 ta' Mejju fil-ghodu.**

**200 Materja 189: Fir-rigward tal-Kiosk is-Segretarju nformat lill-membri tal-Kumitat li ntbgaħtet l-imejl lill-Kunsill ta' Birkirkara titlob għal kjarifika dwar dan il-permess fi żmien għaxar tijiem. Il-Kumitat ser jistenna r-risposta tagħhom. Iċ-Chairperson qal li jekk il-Kumitat ma jingħatax risposta wasal iż-żmien li nkellmu l-Pulizija. Is-Sur Attard semma li tal-gass qed jipparkja ġo parkeġġ quddiem il-Knisja. Intqa li hu pparkjat tajjeb, pero' n-nies qed jiefqu f'nofs it-triq biex jixtru mingħandu. Intqal li għandha tintalab informazzjoni minn l-ispettur biex il-Kumitat ikun jaf jekk il-bejjiegħa tal-gass għandhomx permess biex jokkupaw spazzju fiss.**

**201 Intqal li s-Segretarju tal-Kunsill ta' B'Kara għandu jiġi mfakkar biex jagħti r-rendikont finanzjarju tas-Swatar B'Kara. Is-Segretarju qalet li ta' l-Imsida jingħata fil-laqgħa li jmiss.**

**202 Iċ-Chairperson wkoll stieden lill-membri tal-Kumitat l-oħra biex min jista jattendi l-laqgħa tal-Kunsill ta' L-Imsida jagħmel dan minħabba li hu għandu laqgħa oħra fl-istess ħin u mhux ser ikun jista jattendi. Hu qal li ta' B'kara ser ikun jista jattendi (L-Erbgħa) pero' xorta stieden lill-membri biex min irid ikun preżenti jattendi din il-laqgħa ukoll.**

**203 Iċ-Chairperson qal ukoll li fir-rigward ta' l-arblu fi Triq Evelyn Bonaci, ġie informat li l-Enemalta qed jistennew lil Go jew Melita biex ineħħu l-wajrs tagħhom ħalli jkunu jistgħu jmexxuh. Is-Segretarju nformat lill-membri li l-arbli tad-dawl għat-triq is-Swatar ġew approvati imma qed tistenna risposta mill-Enemalta dwar kif ser jitwaħħlu minħabba li l-Enemalta talbu li l-wajrs jgħaddu minn taħt l-art u qed issir talba, minħabba l-ispejjeż involuti li jgħaddu minn fuq.**

**204** **Is-Sur Attard semma li hem tabella ta' STOP maqlugħa (bl-arblu b'kollox) fi Triq is-Sisla ma' Triq Grosseto. Qal ukoll li fi Triq itTempji Megalitiċi hem tabella tad-Dead End imdawra u għandha bżonn iddur lura.**

## 4. Korrispondenza

**205** **41/0060 – Fir-rigward ta' talba għal aktar safety measures fi Triq Indri Grima s-Segretarju nformat lill-Kumitat li l-Kunsill ta' L-Imsida ma sabx oġġezzjoni li ssir 'sleeping police' basta r-residenti japprovaw. Is-Segretarju bagħtet kopja ta' l-ittra, fejn ir-residenti jkunu jridu jiffirmaw, lil persuna li ressaq l-ilment.**

**206** **Daħlet fil-laqgħa s-Sindku ta' L-Imsida (18:50).**

**207** **Iċ-Chairperson tkellem fuq il-bżonn li ssir laqgħa fuq it-Traffic Management taż-żona tas-Swatar. Is-Segretarju għandha tieħu hsieb torganizza l-laqgħa u iċ-Chairperson ser jikseb l-informazzjoni dwar il-persuna/i responsabbli mit-Traffic Management fil-Kunsill ta' Birkirkara.**

**208** **Is-Sindku ta' L-Imsida ħarġet mill-laqgħa (19.00).**

**209** **41/0023 – Is-Sur Mifsud kiteb li l-kaxxa li saret fi Triq Guze Ellur Mercer hija kbira wisq u ssuġġerixxa li ssir M/C Bay. Is-Segretarju ser titkellem mal-ħaddiema tal-Kunsill fuq il-possibilita' li tiġi rranġata.**

## 5. Informazzjoni minn laqgħat li saru

**210** **Intqal li ma sarux laqgħat minħabba ż-żmien tal-Festi.**

## 6. Art tas-Sisla – Proġett tad-Djar

**211** **Iċ-Chairperson qal li huwa attenda l-Bord tal-MEPA u qal li l-permess ġie approvat b'votazzjoni ta' 3 kontra 1. Hu qal li kien hemm il-Kapillan, l-Ex-Chairperson u l-Minority Leader tal-Kunsill ta' B'Kara Michael Fenech Adami. Intqal li ser jitkomplew il-proċeduri ta' appell li ta' l-inqas itawwal il-proċess. Intqal li l-Kumitat huwa dispjaċut li il-Kappillan ikun mistieden li jiltaqgħa mal-Kumitat u mbagħad ma jirrikonoxxix ix-xogħol li jsir mil-Kumitat. Intqal li fuq il-Facebook saru xi kummenti li l-permess ingħata lil xi kuntrattur privat. Sar qbil li jinkiteb kumment biex jiċċaraw li l-propjeta' hija tal-Awtorita' tad-Djar. Sar qbil li jiċċekjaw fuq l-appell biex jaraw il-proċedura.**

**212** **Is-Sur Zahra daħal fil-laqgħa (19:16).**

**213 Intqal li suppost l-Accountant tal-Kunsill ta' Birkirkara qed jipprepara rendikont tal-finanzi.**

**7. Affarijiet oħra jekk urġenti**

**214 Intqal li resident saqsa fuq Facebook rigward il-'one ways' u ntqal li dan l-eżerċizzju jsir bħala parti mit-Traffic Management.**

**215 Is-Sur Zahra saqsa jekk jistax isir parkeġġ fil-Bus Stops wara ċertu ħinijiet. Qal ukoll li hemm wisgħa għal aktar parkeġġi fi Triq Guże Ellul Mercer. Is-Segretarju għandha tibgħat il-Contracts Manager biex jiċċekja.**

**216 Is-Sur Zahra saqsa jekk ir-residenti tas-Swatar Msida jkunux jistgħu jattendu l-klinika ta' B'Kara minflok tal-Gżira.**

**8. Għeluq u Aġġornament**

**217 Il-membri tal-Kumitat ġew imfakkra li l-laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali hija l-Ħamis 5 ta' Frar bejn it-3-3.30pm fid-Dipartiment il-Belt.**

**218 Sar qbil li l-laqgħa tal-Kumitat li jmiss ser issir fit-18 ta' Frar 2015 fis-6.00 ta' fil-għaxija.**

**219 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-19:40.**

**Matthew Mangion**
***Chairperson***

**Marita Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data**